# XITA TA' WARD

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 1 paġna 2

## TEREŻA ta' Lisieux

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Jannar jaħbat il-**149 anniversarju mit-Twelid ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u l-Wiċċ Imqaddes.**

Nhar it-30 ta' Settembru, 2022 ikun il-**125 anniversarju minn mewtha.**

Mela din is-sena, 2022 għandha tkun s-Sena ta' Tereża f'tifkira tal-125 sena minn mewtha u bi tħejjija għall-150 sena ta' twelidha fil-ftuħ tas-sena 2023 u ċ-ċentinarju tal-Beatifikazzjoni tagħha.

Kont taf li mad-dinja kollha, d-devoti ta' din il-Qaddisa ko-patruna tal-Missjonijiet jirreċitaw Novena f'ġieħha bejn id-9 u s-17 ta' kull xahar? Hija Novena qawwija biex jinqalgħu grazzji bl-interċessjoni ta' din il-Qaddisa li wiegħdet li se tgħaddi l-Ġenna xxerred il-Ward fuq id-dinja.

Din in-Novena tista' ssir f'kull perjodu tas-sena, però f'dawn il-jiem bejn 9 u 17 tkun qed tingħaqad mad-devoti tagħha mad-dinja u t-talba titla' b'aktar forza lejn is-Sema.

It-Talba hija din:

**Trinità Qaddisa, Missier Alla, Iben Alla u Spirtu s-Santu Alla, inroddlok ħajr għall-barkiet u l-favuri li Inti xerridt fuq ir-ruħ tal-Qaddejja tiegħek Tereża tal-Bambin Ġesù tul l-24 sena li hija għexet fuq l-art, u f'ġieh il-merti ta' din il-Qaddisa Maħbuba, nitolbok li taqlagħli din il-grazzja, dejjem jekk hija skont ir-Rieda Qaddisa tiegħek u jekk m'hijiex ta' xkiel għas-salvazzjoni tiegħi.**

F'ġieħ l-24 sena ta' ħajjitha għal **24 darba** tingħad :

**Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu, kif kien fil-bidu, issa u dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem Ammen.**

Wara kull Glorja ngħidu:

**Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, itlob għalina !**

## KIF ORIĠINAT DIN IN-NOVENA

Santa Tereża kienet bbeatifikata fl-1923 u kkanonizzata fl-1925 mill-Papa Piju IX.

Nhar it-3 ta' Diċembru, 1925, ġiżwita Awstrijak, Fr Putigan S.J. irreċita għall-ewwel darba din in-Novena.

Biex jara jekk il-Qaddisa għoġbithiex talabha tibgħatlu Warda Friska. Fit-3 jum irċieviha bla ma jaf mingħand min.

Fl-24 ta' Diċembru beda Novena oħra u talabha Warda Bajda. Fir-4 jum soru-infirmiera tagħtu warda bajda li waqgħet mill-artal tal-qaddisa.
Barradan, il-grazzji mitluba qalagħhom u hekk bdiet il-mixja mad-dinja ta' din in-Novena sempliċi, ħafifa, ħelwa u tant effikaċi.

Matul din is-sena ejjew insiru nafu aktar lil Santa Tereża u nirrikkorru lejha u nesperjenzaw aħna wkoll il-qawwa tagħha kemm fir-ruħ kif ukoll fil-ġisem.